# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 22 ta' Ġunju 2023**

**Appell numru 478/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Reuben ZAMMIT**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-2 ta' Novembru 2022 fil-konfront ta' Reuben ZAMMIT (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 240988M) li ġie mixli talli:

Nhar il-5 ta' Settembru 2019 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa r-Rabat u f'dawn il-Gżejjer Maltin :-

(i) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
(ii) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;
(iii) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;
(iv) Waqt li kien qed isuq il-vettura naqas li joqgħod bilqeda b'mod li kellek kontroll sħiħ tal-vettura u in vista sħiħa tat-triq u l-vetturi;
(v) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, eċċeda l-limitu ta' veloċita;
(vi) Ipparkja jew ħalla waħidha xi vettura bil-mutur jew trailer fit-triq matul ħames metri minn kantuniera, liwja jew spral;
(vii) Waqt li kien qed isuq il-vettura bil-mutur, naqas milli jara li t-tfal kienu marbutin permezz ta' sistema ta' rbit tat-tfal u/jew ċintorin tas-sigurta' hekk kif mitlub fil-Liġi;

(viii) Qal kliem oxxen jew indiċenti jew għamel atti oxxeni jew ġesti indiċenti jew b'manjiera oħra fil-pubbliku.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddikjarat l-imputazzjonijiet numru erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa u tmienja bħala preskritti u konsegwentement illiberat lill-imputat appellant minnhom, ukoll astjeniet milli tieħu konjizzoni tat-tielet imputazzjoni in kwantu din ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet, u wara li rat l-Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt Ewro (€500) u skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb liċenzja ta' sewqan għal żmien ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi ZAMMIT appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dan billi:

(i) Tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn ma sabitx lill-appellant ħati tar-raba', ħames, sitt, seba' u tmien imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni;

(ii) Tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijet dedotti kontrih u minflok tilliberah minnhom; jew

(iii) B'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, li tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta.

U dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

(i) A. Dwar Kunflitt fid-data ta' meta seħħ l-inċident de quo: minn qari akkurat tal-atti proċesswali jemerġi li hemm diskrepanza flagranti rigward meta fil-filfatt seħħ l-inċident. L-affidavit ta' PC 1573 J. Callus esebit a foljo 2 et seq. tal-proċess jindika li fir-rapport tagħha l-parte ċivile Glorianne Zammit Saliba Toledo stqarret mal-Pulizija li l-inċident seħħ nhar it-3 ta' Settembru 2019. Għal xi raġuni pero' meta

mbagħad l-appellant ġie msejjaħ mill-Pulizija sabiex jipprovdi l-verżjoni tiegħu fuq ir-rapport li sar fil-konfront tiegħu, huwa ġie mistoqsi rigward l-inċident li sar nhar il-5 ta’ Settembru 2019. Meta mbagħad l-istess parte civile ħadet il-pedana tax-xhieda sabiex tiddeponi l-ewwel darba f’dawn il-proċeduri ossia fl-udjenza miżmuma quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti nhar it-13 ta’ Lulju 2021 hija saħħqet li l-inċident seħħ nhar il-5 ta’ Settembru 2019 u mhux fit-3 ta’ Settembru 2019 bħalma kienet irraportat lill-Pulizija a tempo vergine. Meta mbagħad l-istess parte civile reġgħet ħadet il-pedana fis-seduta ta’ wara ossia fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Ottubru 2021, il-parte civile reġgħet ikkontraddixxiet ruħa u qalet li l-inċident seħħ nhar it-3 ta’ Settembru 2019. L-element konfużjonarju ma jiqafx hemm għaliex meta fl-istess udjenza xehed missier il-parte ċivile, Joe Saliba, dan ikkontraddixxa l-verżjoni ta’ bintu stess u saħaq testwalment ‘Mela d-date kienet 05.09.19’. Huwa ċar għalhek li d-data ta’ meta verament seħħ l-inċident hija inċerta u l-każ tal-Prosekuzzjoni huwa għalhekk imtappan b’inkongruenzi fejn il-parte ċivile stess ix-xhud li fuqha huwa prattikament mibni l-każ tal-Prosekuzzjoni, ikkontraddixxiet lilha nnifisha għal darba, darbtejn, tlieta.

Ċertament tenut kont tal-fatt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha sal-grad ta’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, fid-dawl ta’ diskrepanzi u nċertezzi lampanti ta’ rekwiżit bażilari bħalma huwa d-data tal-akkadut, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt u bl-ebda mod tirriskontra ħtija fl-appellant.

(ii) B. Dwar l-apprezzament tal-provi in konnessjoni mal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet: l-appellant isostni li l-apprezzament ta’ provi in konnessjoni mal-ewwel u mat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu ma kellux isir b’mod spezzettat u ndividwali iżda l-provi ammissibbli għandhom dejjem jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex imbagħad il-ġudikant ikun f’pożizzjoni li jara x’interpretazzjoni raġonevoli u legali jista’ jagħti lil tali provi miġbura. Għaldaqstant l-appellant jikkontendi li huwa ma setax jinstab ħati sempliċement fuq analiżi individwali u separata tal-provi. Tali provi għandhom jiġu kkonsiderati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Fin-nuqqas li jsir hekk, l-apprezzament tal-provi jseħħ a bażi ta’ assunzjonijiet u konġetturi. Kif jixhdu l-atti proċesswali, fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni ma pproduċietx xhieda okulari għall-inċident de quo għajr għall-appellant innifsu. Għaliex? Proprju għaliex ix-xhieda tal-parte ċivile hija inammissibbli in forza ta’ dak dispost fl-artikolu 635 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta filwaqt li x-xhud tal-Prosekuzzjoni l-ieħor ossia missier il-parte ċivile Joe Saliba ma rax l-akkadut b’għajnejh iżda sempliċement ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-kontenut tas-CCTV footage estratt minn CCTV camera li tagħti mill-faċċata tar-residenza tiegħu għal ġo t-triq. Indubbjament għalhekk it-teżi tal-Prosekuzzjoni f’dawn il-proċeduri ċċentralizzat unikament fuq il-filmat miġbur minn CCTV Camera appartenenti lix-xhud Joe Saliba ossia missier il-parte ċivile liema

filmat la jipponta lejn sewqan traskurat u wisq anqas perikoluż. Ossia l-aġir kriminuż ikkontemplat fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni.

Applikat dan it-tagħlim ġurisprudenzjali[1] għal każ in diżamina, jidher illi s-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienx imsejjes fuq il-manjiera tas-sewqan tal-appellant o meno iżda biss fuq il-fat li meta l-appellant qala' bil-vettura tiegħu minn fejn kien ipparkeġġjat, kellu lil bintu minuri f'ħoġru u b'hekk ma kellux kontroll sħiħ tal-vettura tiegħu. Pero' b'kull rispett dan l-aġir kriminuż kien kopert, assorbit u kompriż b'imputazzjonijiet oħra separati u ad hoc ossia bl-imputazzjonijiet (4) u (7) liema imputazzjonijiet l-appellant ġie lliberat minnhom. B'kull rispett, l-għarbiel u l-apprezzament ġudizzjarju (mislut mill-paragrafi 23 sa 25 tas-sentenza appellata) li wassal lill-Ewwel Onorabbli Qorti tirriskontra ħtija fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet kien għarbiel ġudizzjarju esklussivament għall-imputazzjonijiet 4 u 7. Huwa proprju għalhekk li fis-sentenza inizjali f'dawn il-proċeduri quddiem il-Maġistrat Dr. Victor Axiaq l-appellant kien ġie lliberat minn dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

(iii) C. Dwar Il-Piena Komminata: permezz tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellant għall-piena ta' multa ta' ħames mitt Ewro kif ukoll ordnat l-iswalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tlett xhur mid-data. Għandu jiġi mfakkar li l-appellant qatt ma abbuża minn tali liċenzja u l-Pulizija ma rċeviet l-ebda rapport ieħor għajr għal dak odjern fil-konfront tal-appellant in kwantu huwa konċernat is-sewqan tiegħu. L-appellant bħal kull persuna oħra tas-soċjeta' għandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali tiegħu li għandhom dejjem jiġu salvagwardjati anke jkk dato ma non concesso huwa ħati. Għaldaqstant l-appellant mgħandux ikun soġġett għall-piena ħarxa u sproporzjonata. F'ċirkostanzi fejn huwa jiġi soġġett għall-piena sproporzjonata jkun hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu.

Għalhekk fid-dawl tal-premess, l-appellant jemmen li l-piena ta' Ewro 500 flimkien mal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' tlett xhur hija waħda sproporzjonata u eċċessiva u kwindi timmerita temperament.

(iv) C2 L-Iswalifika tal-Liċenzja tas-Sewqan: l-appellant huwa edott mill-fatt li s-sejbien ta' ħtija tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet iġibu magħhom l-iswalifika tal-liċenzja tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien b'danakollu il-Qorti għandha dejjem id-diskrezzjoni illi f'ċerti ċirkostanzi li hi tqis bħala raġunijiet speċjali tnaqqas jew iżżid mill-perjodu tal-iskwalifika jew tagħti kull ordni oħra u ċjoe anki addirittura ma tapplikax tali skwalifika. L-esponenti jfakkar li fl-ewwel lok huwa kkopera bis-sħiħ mal-Pulizija. Kollox jindika li l-appellant mhux persuna li ma titgħallimx mill-iżbalji tal-passat u jkompli jgħodos fl-

[1] In kwantu l-appellant fir-rikors tal- appell tiegħu jagħmel referenza fuq dan il-punt għall-kawżi fl-ismijeit Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud u Il-Pulizija vs. Alfonso Abela (ara paġna 6 et seq tar-rikors tal-appell).

iżbalji tiegħu stess u konsegwentement jisfida l-liġi u l-ġustizzja. L-impatt tal-iswalifika sejjer ikun kbir għall-appellant u familtu. Skwalifika li żżommu milli jsuq għal tlett xhur sħaħ sejra tfisser li mhux biss huwa ser ikun kostrett jabbanduna xogħolu iżda wkoll li hu u l-bqija ta' famltu ser jispiċċaw f'qagħda finanzjarja 'to not be able to make ends meet'. L-appellant jagħmel referenza għall-Blackstone's Criminal Practice fejn fost il-'mitigating circumstances' jsemmi 'if loss of his licence may mean loss of his job or reduced wages, the Court may consider any unusual hardship that may result to the family of the defendant and any unusual hardship that may be occasioned to them if he were to lose his licence..it is necessary to demonstrate not only that the defendant will lose his employment but also that there are other circumstances associated with that loss which might involved reflected hardship of a serious kind on the defendant's business, family or long-tem prospects'. L-appellant jikkwota wkoll il-kawża Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet fuq l-aspett restorattiv tal-piena inflitta. Fid-dawl tas-suespost, l-appellant umilment jemmen li fil-każ odjern jeżistu raġunijiet li jimmeritaw temperament fil-perjodu tal-iswalifika impost fuqu.

## D. L-IRWOL TA' DIN IL-QORTI U L-PRINĊIPJI LEGALI LI SSEGWI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal hekk:

---

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[3] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[4]

---

ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[4] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[5]

[5] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive**

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li bħala regola għandha tinġieb il-prova l-iktar sħiħa u sodisfaċenti li l-każ ikun jagħti kif ukoll li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, jekk ix-xiehda tiegħu tiġi emnuta minn min ikun irid jiġġudika l-każ, allura din ix-xiehda titqies li tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqslikieku l-fatt ikun ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss. Dan il-prinċipju ġie konfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati iddeċidew fil-passat.[6]

11. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule**, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova

---

**Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[6] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

12. Illi allura l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa bħala regola tmur lil hinn minn prova li tkun milquta mir-regola tal-esklużjoni tal-**hearsay evidence**. Fil-fatt din ir-regola tiġi applikata fil-kamp penali Malti b'manjiera partikolari. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċhad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

13. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

‘599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra,’

22. Fil-fatt fil-kawża ‘Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija’ il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta’ Jannar 1988 qalet hekk:
‘Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta’ depożizzjoni ta’ xhud dwar x’qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita’ ta’dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta’ dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).’

23.Ukoll fl-Ingilterra u f’Wales ir-regola tal-hearsay m’għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ‘ Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom’ tal-15 ta’ Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f’pargrafu 130:

‘However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST’s statement in Al-Khawaja’s case and T’s statement in Tahery’s case.’

24. Fil-każ ta’ Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta’ xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista’ jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m’hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ ‘Al-khawaja vs UK’ jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta’ xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta’ laptop. Terġa’ min għamel irrapport ma joqgħodx f’xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta’ xejn aktar.

14. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t’Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

15. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal

allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

16. Huwa għalhekk li qabel xejn allura l-provi fi proċedimenti kriminali trid tkun l-aħjar prova u l-prova l-iżjed sħiħa. Biss dan ma jfissirx li f'ċerti każijiet dawn il-provi ma jistgħux iwasslu għal xi konflitt fil-provi prodotti. Kif gie ritenut fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[7]

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17. L-għan li titressaq l-aħjar prova u dik l-aktar sħiha huwa li kemm jista' jkun fil-proċess kriminali toħroġ il-verita storika. Iżda din hija l-ikbar sfida li jkollhom dawn il-Qrati minħabba li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal li tiġi skoperta dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb tiegħu. Minħabba f'hekk jeżisti r-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx id-don li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. U l-Qrati huma marbuta li fid-deċiżjonijiet tagħhom jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom.

18. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija mnisla mis-sistema Ingliż fejn persuna akkużata tista' tiġi misjuba ħatja biss meta fil-każ tagħha tkun inġiebet l-aħjar prova u dik l-aktar sħiħa u li bis-saħħa tagħha l-ħtija ta' dik il-persuna tkun ġiet pruvata **lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni**. Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi Maltija teħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ssib akkużat ħati din trid tkun ċerta - lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni - "sure" fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ ikun seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment meħetieġ mill-Liġi biex tinstab ħtija; livell ta' konvinċiment li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Għalhekk biex tkun tista' tinstab ħtija fl-akkużat il-

---

[7] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.
[8] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

grad ta' suffiċjenza probatorja trid twassal lil min irid jiġġudika l-fatti li jħossu ċert, "sure", mill-ħtija tal-akkużat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

19. Fil-każ Ingliż **Majid**,[9] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[10] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21. Il-livell ta' konvinċiment fil-livell ta' "sure" mhux ġdid għas-sistema Penali Malti fejn saħansitra l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tal-konvinċiment sal-grad **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiż mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat ta' ħtija tal-imputat biex b'hekk ġja mill-1957 dik il-Qorti kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mal-grad ta' konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll anke illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

22. Livell ta' konvinċiment inqas minn dak tas-sikurezza huwa l-livell tal-bilanċ tal-probabbilitajiet. Dan huwa l-livell ta' konvinċiment li huwa meħtieġ li jintlaħaq mid-Difiża fil-każ li din tagħżel li tressaq prova jew argument favur l-akkużat. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, b'mod li minħabba f'hekk Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma jkollhiex dik is-sikurezza fil-ħtija tal-akkużat, allura f'dak il-każ, dik il-

[9] ibid.
[10] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat u għandha tgħaddi sentenza li l-akkużat ma jkunx ħati. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija konvinċiment lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

23. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

24. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

27. Illi nhar is-6 ta' Settembru 2019 ġewwa l-Għassa tar-Rabat irraportat ċerta Lorianne Grace Zammit Saliba Toledo fejn din stqarret li nhar it-3 ta' Settembru 2019 ġewwa Triq It-Tagħbija r-Rabat mar sabiex jeżerċita d-dritt tal-aċċess tiegħu r-raġel tagħha, l-appellant ZAMMIT. Hija rraportat fejn wara li ZAMMIT daħħal lil binthom minuri fil-vettura minnu misjuqa, dan ħarġilha s-seba' tan-nofs u dan fil-waqt li hija ppruvat tkelmu fuq xi ħwejjeġ li għaddietlu fil-basket mal-minuri. Il-kwerelana rraportat ukoll kif kull darba li huwa jmur jiġbor lil binthom, idaħħalha ġol-vettura dejjem min-naħa tat-triq u mhux min-naħa tal-bankina u li huwa jżomm lit-tifla fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura ġo 'car seat' tat-tfal.

28. Illi l-kwerelanta rraportat li nhar il-5 ta' Settembru 2019, għall-ħabta tal-16.12hrs, ZAMMIT reġa' kellu aċċess għat-tifla u filwaqt li pparkja l-vettura tiegħu f'salib it-toroq, kantuniera ma' Triq It-Tagħbija u ma' Triq Toni Farrugia, saq bit-tifla bilqegħda fuqu u telaq minn fuq il-post bil-vettura tiegħu b'veloċita' qawwija. Stqarret li reġa' waqqaf il-vettura tiegħu sabiex irikkeb lit-tifla min-naħa tat-triq u

mhux min-naħa tal-bankina. Qalet li reġa' għamel l-istess meta rritorna lit-tifla fil-ħin tas-19.30hrs.

29. Illi b'rabta ma' dan ir-rapport, il-Pulizija għamlet kuntatt mal-appellant ZAMMIT fejn dan ġie mitlub li jirrkorri ġewwa l-Għassa tar-Rabat sabiex jiġi mitkellem iżda huwa rrifjuta li jagħmel dan għaliex qal li ma kienx possibbli minħabba impenji oħra. Huwa ġie mitlub sabiex jirrikorri l-Għassa l-għada nonche' is-6 ta' Settembru 2019 fejn ukoll qal li sejjer ikun indispost minħabba li kien sejjer isiefer. Huwa għalhekk ta l-verżjoni tiegħu permezz tat-telefon fejn ċaħad li qatt ipparkja illegalment jew li saq b'veloċita' qawwija bit-tifla bilqegħda fuqu minflok fl-appożitu 'car seat' fuq in-naħa ta' wara tal-vettura tiegħu. Anzi, stqarr li t-tifla kienet fil-'car seat' tagħha u saq normali minn fuq il-post. Stqarr li l-kwerelanta kienet qiegħda tigdeb u li kienet qiegħda tipprova tipprovokah. Il-Pulizija nfurmawh li kienu sejrin joħorġu l-akkużi fil-konfront tiegħu b'rabta ma' dan ir-rapport.

**Kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-ewwel aggravju tal-appellant.**

30. Illi f'dan l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant ZAMMIT jattakka ċ-ċitazzjoni in kwantu jilmenta li hija nieqsa mill-formalitajiet rikjesti fl-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali għal dak li għandhom x'jaqsmu l-partikolaritajiet taż-żmien li fih allegatament seħħew ir-reati. L-appellant jilmenta li hemm diskrepanzi fid-data preċiża ta' meta effettivament seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri bejn dak li jirriżulta miċ-ċitazzjoni u dak li tixhed il-parte leża' f'iktar minn okkażjoni waħda. Jisħaq li anki x-xhud l-ieħor tal-Prosekuzzjoni, John Saliba, missier il-parte ċivile, ma jikkorraborax ix-xhieda ta' bintu għal dak li jirrigwarda d-data ta' meta seħħ l-inċident mertu tal-każ preżenti.

31. Kif konċess mill-appellant stess, storikament iċ-ċitazzjoni kienet titqies li sservi biss bħala 'avviso di comparire' u għalhekk nuqqas ta' preċiżjoni fil-partikolaritajiet kif hemmhekk redatti ma kinux iwassalu għall-ebda irregolarita' proċedurali soprattutto għaliex una volta l-ġudikabbli jkun deher quddiem il-Qorti u ssuġġetta ruħu għall-ġudizzju tagħha, il-funzjoni tal-'avviso a comparire' ikun ġie eżawrit. Din l-iskola ta' ħsieb, huma dawk il-partikolaritajiet li jirriżultaw mill-provi miġjuba u/jew mill-kwerela magħmula li għandhom jipprevalu fuq dawk il-partikolaritajiet li jitniżżlu fiċ-ċitazzjoni f'proċeduri sommarji, sakemm

varjazzjoni/diskrepanza, ma tkunx ta’ ċerta entita’ li tippreġudika s-sostenibilita’ tal-imputazzjonijiet.[11]

32. Din il-posizzjoni legali relattiva għall-istatus legali taċ-ċitazzjoni bħala merament avviso a comparire baqgħet tiġi segwita mill-Qrati Maltin kostantement, inkluż kważi verbatim mill-Imħallef Wallace Gulia fil-kawża **Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-19 ta’ Ġunju 1989.

33. Fil-kawża **Il-Pulizija vs Godwin Agius** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta’ Jannar 2003 kienet ukoll għamlet riferenza għal diversi sentenzi preċedenti u qalet hekk:

> 6. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Bezzina moghtija fis-26 ta’ Mejju 2004: “F’dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:
>
> “‘Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta’ 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.’
>
> “Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet IlPulizija vs Joseph Buttigieg fil-25 ta’ Lulju 1994, intqal:
>
> “‘L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista’ tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma’ appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta’ Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: ‘La vera imputazione si deduce contro l’imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l’imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell’ufficiale prosecutore’ (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat

[11] Ara il-kawża deċiża nhar il-15 ta’ Ottubru 2019 minn din il-Qorti hekk kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi** fejn din il-Qorti daħlet in funditus fuq l-iter storiku li għamlu l-Qrati nostrana dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."

"U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl- ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:

"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal- proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall- imputazzjoni dedotta. "
'..... "
'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l- ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal- Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic- citazzjoni ma ggib in-nullita' talproceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."

"Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis- sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Schembri moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din ilQorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il- htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"

34. Aktar reċentement, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali Maltin, anki minħabba l-iżvilupp ta' kultura iktar attenta għas-salvagwardja tal-jeddijiet tal-persuna akkużata sa mill-mument illi din tkun għadha biss suspettata, għalkemm baqgħu jikkonsidraw liċ-ċitazzjoni bħala 'avviso a comparire', mill-banda l-oħra bdew jagħtu iżjed piż lil dan id-dokument bħala li jirrappreżenta l-bażi akkużatorja kontra l-ġudikabbli; u in kwantu tali ċ-ċitazzjoni ġiet ritenuta meħtieġa li kemm jista' jkun tagħti indikazzjoni ċara u preċiża ta' dawk il-partikolaritajiet li jsawru r-reat/reati li tagħhom l-imputat ikun mixli. Biss, il-pożizzjoni tibqa' illi impreċiżjonijiet u diskrepanzi bejn ir-redazzjoni taċ-ċitazzjoni u l-provi li jemerġu mill-atti tal-proċediment, ma jwasslux għan-nullita' taċ-ċitazzjoni jew tal-imputazzjoni diment li l-impreċiżjoni jew id-difett ma tkunx/ikunx tali li jolqot il-bażi stess tal-imputazzjoni b'mod tali li jrendieha inkomprensibbi, insikura u għaldaqstant, insostenibbli. Ikun jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi titlob u tagħmel id-debita korrezzjoni taċ-ċitazzjoni sabiex din tkun

tirrifletti l-provi miġjuba u mismugħa. Il-ġudikabbli mbagħad għandu dritt li jitlob differiment, anki f'kawżi ta' natura sommarja fejn l-ispeditezza titlob li s-sentenza tingħata kif jispiċċa' s-smiegħ tal-kawża, dan sabiex huwa jkun jista' jirregola ruħu u jipprepara aktar adegwatament id-difiża tiegħu. Addirittura tali korrezzjoni taċ-ċitazzjoni tista' ssir mill-Prosekuzzjoni anki wara li tkun għalqet il-provi tagħha.[12]

35. Minkejja l-iżviluppi li saru fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem, il-Liġi Maltija xorta baqgħet imfassla fuq il-prinċipji li Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tinvestiga u tixli lil persuni suspettati li jkunu wettqu reati kriminali li jkunu jaqgħu taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati jew bl-arrest jew bil-mezz taċ-ċitazzjoni skont il-każ. Il-Liġi regolanti ċ-ċitazzjoni u l-konsegwenti proċedura applikabbli baqgħet sostanzjalment l-istess minkejja d-differenza fil-kompetenza aktar il-fuq imsemmija. Ladarba l-Prosekuzzjoni tixli, hija għandha r-responsabbilta' li tara li dak li tixli bih ikun korrett. Jekk iċ-ċitazzjoni jkun fiha ineżattezzi jew żbalji, dawn fihom infushom ma jġibux in-nullita taċ-ċitazzjoni jew tas-sentenza. Iżda l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jara li jekk ikun hemm tali żbalji jew ineżattezzi, dawn għandhom jiġu korretti. Dan huwa possibbli u l-ġurisprudenza relattivament reċenti issaħħaħ dan. Fil-fatt fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Glen Debattista** tat-23 ta' Diċembru 2003 din il-Qorti diversament presjeduta saħqet hekk:

> L-appellant ghandu bazikament tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati seriatim. L-ewwel aggravju hu fis-sens li "l- akkuza" kienet nulla, u dan peress li fic-citazzjoni ma kienx hemm indikazzjoni "tal-fatti" kif preskritt fl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. Dan l-aggravju hu infondat u jirrazenta l-fieragh. Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti ta' l-akkuza", imsemmija fissubartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza ilkliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk ta' l-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, ic- citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis- subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez

[12] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** tal-05/08/2003, **Il-Pulizija v. Joseph Zammit** tat-13/01/2016 u **Il-Pulizija v. Alfred Grixti** tas-26/03/2018.

applikabbli ghal proceduri ex officio bil- paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l- provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l- fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu. Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li l-posizzjoni hija differenti meta si tratta tal-forma aktar solenni tal-Att ta' Akkuza fil-Qorti Kriminali – hawn il- legislatur kjarament jiddistingwi bejn "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat" u "r-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi" – paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu 589. Pero` anke hawn tista' issir korrezzjoni skond ma jipprovdi l-Artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, salv ghas-sitwazzjoni prevista fil-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi respint.

36. Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deċiż nhar il-5 ta' Awwissu 2003, ġie mistqarr hekk:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid- dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. **Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l- ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni**[13], kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi,

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il- prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh.

37. Imbagħad, għal dak li jirrigwarda d-diskrepanzi li jemerġu waqt is-smiegħ tal-kawża, jingħad **<u>li mhux kull diskrepanza</u>** li tkun tirriżulta bejn l-akkuża kif ifformulata fiċ-ċitazzjoni u l-evidenza kif temerġi mill-provi, għandha twassal għal xi forma ta' dritt li l-imputat jiġi liberat jew li l-imputazzjonijiet jiġu ddikjarati bħala difettużi in kwantu ma jirrispekkjawx il-formalitajiet ippostulati fl-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali. Biex dan ikun jista' jseħħ jeħtieġ neċessarjment jirriżulta li d-diskrepanza bejn dawk id-dettalji misjuba fiċ-ċitazzjoni u l-provi riżultanti tkun waħda tant sostanzjali li addirittura twassal sabiex jiġu spostati l-parametri tal-azzjoni kriminali b'mod li l-azzjoni proposta mill-Prosekuzzjoni ma tkunx tista' titmexxa 'il quddiem kontra l-ġudikabbli. Huwa għalhekk illi sabiex tiġi mistħarrġa din il-preġudizzjali, tkun teħtieġ li ssir analiżi approfondita ta' fatturi bħalma huma:

(i) Jekk id-diskrepanza tkunx tolqot is-sustanza tal-imputazzjoni kif miġjuba in kwantu l-impreċiżjoni tkun tikkonsisti f'partikolarita' li tibdel in-natura tal-imputazzjoni kontra l-imputat daqskemm il-parametri tal-azzjoni kriminali nnifisha;
(ii) Jekk il-Prosekuzzjoni talbitx, tempestivament, li ssir korrezzjoni sabiex iċ-ċitazzjoni tkun tirrifletti dak li jemerġi mill-provi;
(iii) Jekk l-imputat ikunx ingħata biżżejjed żmien sabiex jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu permezz tal-istrumenti disponibbli fil-Liġi fosthom permezz ta' talba ta' differiment sabiex ikun jista' jirregola ruħu fid-dawl tal-korrezzjoni li tkun saret mill-Prosekuzzjoni, kontro-eżamjiet akkurati tax-xhieda u produzzjoni ta' dawk il-provi min-naħa tiegħu li jkollhom bħala skop li jattakkaw dawk l-inkonsistenzi u diskrepanzi li jrendu, skont hu, l-imputazzjonijiet daqskemm il-każ kollu, insostenibbli;

(iv) Jekk tali inkonsistenzi ġewx sanati bix-xhieda stess tal-imputat innifsu u/jew minn dik ta' xhieda oħra mressqa mill-Prosekuzzjoni.

38. F'dan il-każ, ma ġiet irriskontrata l-ebda diskrepanza kif qiegħed jilmenta minnha l-appellant. Mill-affidavit ta' PC 1573 J. Callus mill-ewwel jirriżulta kif meta l-parte ċivile marret tirraporta ġewwa l-Għassa tar-Rabat dakinhar tas-6 ta' Settembru 2019, hija rreferiet **għal żewġ episodji differenti** ta' fejn skont ma rraportat, żewġha l-appellant ma ġabx ruħu sew: dak l-episodju li ġara nhar it-3 ta' Settembru 2019 fejn wara li rikbet binthom minuri fil-vettura misjuqa minn missierha l-appellant, hija resqet sabiex tkelmu dwar xi ħwejjeġ ta' binthom iżda minflok l-appellant ħarġilha s-saba' tan-nofs u saq 'l hemm u l-episodju ta' nhar il-5 ta' Settembru 2019 fejn l-appellant saq b'binthom f'ħoġru.

39. F'paġna 4 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-Kuntistabbli 1573 J. Callus kellem lill-appellant iż-żewġt inċidenti.

40. Meta mbagħad il-parte ċivile tixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Lulju 2021, hija kienet ċara fix-xhieda tagħha li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u li hija kienet xtaqet li l-Pulizija jieħdu passi fil-konfront ta' żewġha dwaru kien proprju dak li seħħ nhar il-5 ta' Settembru 2019. Dan il-Qorti tisiltu mix-xhieda tal-parte ċivile stess meta tirrakonta x'ġara dakinhar tal-5 ta' Settembru 2019 liema fatti hekk kif irrakkontati jirriflettu dak imniżżel fl-affidavit ta' PC 1573 J. Callus bħala li jirreferu għall-inċident tal-5 ta' Settembru 2019 u mhux għal dak ukoll tat-3 ta' Settembru 2019 meta skont ma qalet il-parte ċivile, l-appellant kien ħarġilha subgħajh tan-nofs:

> Prosekuzzjoni: Okay, għal li jista' tiftakar meta kien dan l-inċident?
> Lorianne Grace Zammit Saliba Toledo: Ehe, kien 5th September 2019.
> .../....
> Lorianne Grace Zammit Saliba Toledo: Umbagħad, ħa, hu niftakar li kien ġie tard jiġifieri w meta ħriġt jiena, li kont qed nistennih, ġebbed lil Hope, mar fil-karozza, poġġiha fuqu u saq biha fuqu fuq kuxtejh jiġifieri saq, irreżja w saq it-triq jiġifieri....

41. Meta mbagħad hija reġgħet ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2021, huwa minnu li l-parte ċivile ssemmi d-data tat-3 ta' Settembru 2019 iżda din il-Qorti tirrileva li huwa wkoll indubitat li hawnhekk hija ma kinetx qiegħda tirreferi

għall-episodju tal-5 ta' Settembru 2019 iżda għal dak l-episodju li hija semmiet mal-Pulizija tat-3 ta' Settembru 2019 meta allegatament l-appellant ħarġilha subgħajh tan-nofs. Hekk f'paġna 28 tax-xhieda tagħha hija tgħid hekk:

> Lorianne Grace Zammit Saliba Toledo: Le, ma niftakarx li kien qal kliem. Niftakar żgur li kien ħareġ tan-nofs, għall-ebda raġuni jiġifieri just ħammur intih il-cardigan tat-tifla.

42. Il-parte ċivile kienet konsistenti fix-xhieda tagħha. Anke missierha John Saliba kien preċiż meta xehed li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ nhar il-5 ta' Settembru 2019. PC 1573 J.Callus wkoll jirreferi għal żewġ episodji distinti li rraportat miegħu l-parte ċivile fejn f'paġna 3 tal-affidavit tiegħu huwa rraporta s-segwenti:

> 'Il-kwerelanta kompliet tistqarr li xtaqet li dan il-każ imur quddiem il-Qorti.
>
> Għalhekk, il-pulizija għamlet kuntatt ma' Rueben Zammit ID: 0240988M, permezz tat-telefon, fejn meta dan ġie mitlub sabiex jirrikorri ġewwa l-Għassa tar-Rabat, dan stqarr li ma kienx possibbli minħabba impenji oħra. Hu ġie mitlub sabiex jirraporta ġewwa l-Għassa tar-Rabat, l-għada, is-6/09/2019...'

43. Huwa allura ċar li l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant fiċ-ċitazzjoni de quo huma bażati fuq l-inċident datat 5 ta' Settembru 2019. Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni wkoll jaqblu ma dik id-data. Ma teżisti ebda diskrepanza bejn iċ-ċitazzjoni kif ifformulata u l-provi kif mismugħa u miġbura mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

44. **Għaldaqstant, dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.**

**Analiżi tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant mertu tal-aggravju mniżżel bħala 'B'.**

45. Illi l-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat appellant huma msejsa fuq il-ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta liema Liġi taqra bil-mod segwenti:

> 15(1) Kull min –
> (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle;

46. Għad li l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix definizzjoni ta' 'sewqan traskurat' u 'sewqan perikoluż', din neċessarjament qiegħda tirreferi għal sewqan li jkun jiddipartixxi minn dak is-sewqan kawt, diliġenti u responsabbli li huwa mistenni minn kull sewwieq sabiex ma jikkawżax sinistri stradali, u ma jkunx ta' ħsara għas-sewwieq innifsu kif ukoll għal terzi persuni li jkunu riekbin miegħu jew terzi persuni li jkunu jew sewwieqa ta' vetturi oħra jew passanti.

47. Sewqan spavald jew li ma jkunx isegwi dawk in-normi ta' prudenza, diliġenza, kura u attenzjoni li teħtieġ il-Liġi, ikun jammonta għall-sewqan traskurat in kwantu jkun nieqes minn dak l-istat mentali meħtieġ minn sewwieq li jkun fih meta jkun qiegħed sejjer isuq vettura bil-mutur bil-għan li ma jkunx ta' perikolu għalih jew għal ħaddieħor. L-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 ma jipprovdix definizzjoni proprja ta' sewqan traskurat jew sewqan perikoluż iżda jisħaq li d-differenza bejn dawn iż-żewġt modi ta' sewqan hija waħda riflessa fl-iskala tal-gravita. Fejn allura sewqan traskurat jagħti lok għal potenzjalita ta' ħsara li ttendi lejn il-probabbli, is-sewqan perikoluż jagħti lok għal potenzjalita tal-ħsara li ttendi lejn il-kważi ċertezza tagħha. Ġie ritenut li:

> Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta', sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fl-artikolu 15 (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perkolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz.

48. Ukoll, fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** deċiż nhar l-10 ta' Marzu 2005, ġie ritenut is-segwenti:

> Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Aldo Muscat" [27.5.04]), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u **Pul. vs. Alfred Vella**, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , [19.10.1963]) . **Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness**" (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , 20.4.1963) . **Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali**[14] (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** , Vol. XLIV , p.892.)

49. Għalhekk biex jitqies li jkun ġie integrat dan ir-reat, jeħtieġ li ssir analiżi ta' kull ċirkostanza li toħroġ mix-xiehda b'mod li l-Qorti tkun tista' tikkonkludi l-manjiera ta' sewqan adoperata mill-ġudikabbli. F'dan is-sens, diversi kienu dawk is-sentenzi fosthom dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brenda Agius** deċiża nhar il-15 ta' Mejju 2008, **Il-Pulizija vs. Martin Zammit** deċiża nhar it-13 ta' Frar 2013 u **Il-Pulizija vs. Ramon Fenech** deċiża nhar is-26 ta' Marzu 2015. Għalhekk ir-reat kkontemplat fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jitqies integrat kemm jekk il-modalita ta' sewqan tiġi pruvata minn provi diretti iżda wkoll minn provi indiretti. Tinkludi kemm xiehda okulari kif ukoll immaġini minn filmati tas-sigurta eċċetra.

50. Minbarra dan il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant fejn jinsisti li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tislet il-manjiera ta' sewqan tal-appellant dakinhar tal-5 ta' Settembru 2019 minn dak l-istess fatt ġuridiku li minnu kienu naxxenti imputazzjonijiet oħra li tagħhom il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabitx ħtija. L-azzjoni tal-appellant li jsuq b'bintu tarbija fuq ħoġru filwaqt li kienet qiegħda tibki bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jitqies li huwa sewqan prudenti, diliġenti, magħmul b'attenzjoni u kura meħtieġa.

51. Il-kwistjoni bejn l-appellant u l-parte civile rigward id-dritt t'aċċess tiegħu u r-raġuni għaliex fi kliemu stess, f'paġna 34 ħa lil bintu f'idu u fittex telaq lil hemm ma tistax tiġi użata bħala xi skuża għall-appellant fir-rigward ir-raġuni għaliex għażel li jsuq il-vettura bil-mutur tiegħu b'tarbija tibki fuq ħoġru. Jekk xejn attiduni bħal dik turi ċertu nuqqas ta' responsabbiltà da parti tiegħu li kellu jara li qabel

[14] Enfasi miżjuda.

iħalli l-passjonijiet tal-mument jegħlbuh, jassikura li bintu kienet sikura. F'ħoġru bejnu u i*steering wheel* tal-vettura misjuqa minnu, żgur li ma kienetx. Din hija manuvra li minnha nnifisha hija perikoluża meta l-vettura bil-mutur tiġi misjuqa b'dak il-mod – anke jekk il-veloċita setgħet kienet waħda baxxa.

52. Ir-raġuni hija tant ovvja kwantu sempliċi: sewwieq ta' vettura bil-mutur huwa mistenni li f'kull waqt iħares id-dmirijiet tiegħu ta' sewwieq waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[15] Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif, b'tarbija ta' sena tibki fuq ħoġru, bejn qaddu u l-i*steering wheel* tal-vettura misjuqa minnu, l-appellant jista' jippretendi li jwettaq dawn id-dmirijiet tiegħu ta' sewwieq prudenti u diliġenti.

53. Għall-kuntrarju dan it-tip ta' sewqan kien eżempju ċar ta' kif sewqan responsabbli ma għandux ikun. Huwa komportament spavald, riskjuż u perikoluż mhux biss għall-appellant u għall-bintu imma anki għal terzi persuni. Dan iktar u iktar meta bintu tqegħdet minnu fuq ħoġru f'mument fejn żgur kien emottivament imqanqal minħabba l-battibekk ma l-eks mara tiegħu. Huwa qiegħed lil bintu f'ħoġru fil-waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu fit-toroq u ma

[15] bħal mirja, *rear cameras*, *sensors, alarms* eċċetra.

kienx sempliċement ipparkjat. B’tarbija ta’ sena tibki fuq ħoġru l-appellant ma setgħax ikun fil-kontroll effettiv tal-vettura li kien qiegħed isuq. Dan faċilment setgħa jitilef il-kontroll tal-vettura minħabba d-distrazzjoni ovvja li titnissel mill-fatt li ried li fl-istess waqt li qed isuq, b’xi mod jikkontrolla lit-tarbija bintu. Ma setgħax ikollu l-kontroll sħiħ tal-vettura tiegħu, u wisq anqas setgħa jsuq bi prudenza u jżomm dik il-‘proper look out’ meħtieġ minn sewwieq huwa u jsuq.

54. Filwaqt li huwa minnu li dan il-fatt ġuridiku jikkostitiwixxi s-sustanza ta’ reati oħra li ġie mixli bihom l-appellant fir-raba’ u s-seba’ imputazzjonijiet, mill-banda l-oħra dik l-imġieba partikolari tiegħu tixħet dawl fuq il-manjiera imprudenti, negliġenti u perikoluża li biha l-appellant saq il-vettura tiegħu dakinhar tal-5 ta’ Settembru 2019. Semmai li kieku, gratia argomenti, l-appellant instab ħati wkoll tar-raba’ u seba’ imputazzjonijiet l-iżjed li l-Qorti setgħet tikkonċedi huwa li dawn ikun ritenuti bħala reati minuri iżda kompriża u involuti fir-reat kontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta.

55. Il-Qorti tirreferi wkoll għal mod kif iddeskriviet l-akkadut Lorianne Grace Zammit Saliba Toledo f’paġna 23 tax-xhieda tagħha fejn tpinġi stampa ċara tal-livell ta’ diżattenzjoni, imprudenza u perikolożita li kkaratterizza s-sewqan tal-appellant dakinhar li mar jiġbor lil bintu nhar il-5 ta’ Settembru 2019:

> Umbagħad, ħa, hu niftakar li kien ġie tard jiġifieri w meta ħriġt jiena, li kont qed nistennieh, **ġebbed lil Hope, mar fil-karozza, <u>poġġiha fuqu</u> u saq biha fuqu fuq kuxtejh jiġifieri saq, <u>irreżja</u> w saq it-triq jiġifieri**[16], jiena bdejt nimxi ftit imbagħad...

56. Dan l-istess komportament tal-appellant huwa wkoll traskurat, negliġenti u imprudenti għaliex imur kontra l-kodiċi stradali stess, fejn ir-regolament 156 jagħmilha ċara kif għandhom jinżammu t-tfal fil-vettura fil-mument illi l-vettura tkun qiegħda tinstaq mill-konduċent u dan bl-iskop li jitħarsu mhux biss il-minuri iżda wkoll sabiex ma jkunux ta’ distrazzjoni għas-sewwieq li jeħtieġ massima attenzjoni u kontroll tal-vettura tiegħu:

> 156. Drivers who are carrying children in cars should ensure that : -
> The children do not sit behind the reat seats in an estate car or hatchback unless a special child seat has been fitted;
> The child safety door locks where fitted are used when children are in the car;
> Children are kept under control;

[16] Enfasi u sottolinear miżjuda.

A rear-facing baby seat is NEVER fitted into a seat protected by an airbag.

57. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk kienet altru milli legalment u raġonevolment korretta meta waslet għad-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Kunsiderazzjonijiet marbuta mal-piena mertu tat-tielet aggravju mressaq mill-appellant.**

58. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has

> been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

59. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

60. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir- Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

61. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

62. Magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' ħames mitt Ewro (€500) u l-iskwalifika tal-liċenzja għall-perjodu ta' tlett xhur hija piena li tirrientra fil-parametri li tipprefiġġi l-Liġi fl-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti minn hekk, kwantu għall-multa, din kienet anqas minn nofs tal-massimu tal-multa li setgħet tingħata f'dan il-każ, filwaqt li s-sospensjoni kienet fil-minimum li dik il-Qorti setgħet tagħti.

63. L-appellant jippretendi wkoll li l-iskwalifika tal-liċenzja tal-vettura bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija, tiġi wkoll riveduta minn din il-Qorti minħabba li għandu bżonn il-vettura tiegħu għall-għixien tiegħu tal-familja tiegħu. Kif ingħad, l-iskwalifika tal-liċenzja imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-perjodu ta' tlett xhur diġa qiegħda fil-minimum tagħha. Inoltre ma nġabitx xi prova mill-appellant li huwa jaqla' l-għixien tiegħu permezz tas-sewqan ta' vetturi bil-mutur.

64. Il-Qrati dejjem kienu konsistenti fil-pożizzjoni tagħhom li jekk persuna għandha bżonn il-liċenzja tas-sewqan għall-għixien tagħha, aktar u aktar għandha tkun attenta li taddotta komportament konformi mal-Liġi sabiex tevita li ġġib fuqha sitwazzjoni li tkun ta' preġudizzju għas-sostentament tagħha u tal-familja tagħha. Il-Qrati ma jippermettux li persuna tiskarta d-dmirijet tagħha ta' sewqan prudenti u diliġenti biex imbagħad jippretendu xi forma ta' klemenza mill-Qrati meta jkun tard wisq għax ikunu nqabdu, mresqa u misjuba ħatja ta' sewqan traskurat jew perikoluż. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Ahmad Abu Hassan,**[17] ġie ritenut is-segwenti:

> Nonostante dan kollu, il-fatt li l-akkuzat jehtieg licenzja ta' sewqan ghall-impjieg tieghu ma tista' bl-ebda mod tintuza sabiex il-Qrati ma jimponux

[17] Deċiża 28 ta' Mejju 2019

sospensjoni u ghalhekk imorru kontra d-dispost tal-ligi. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet:

**'Il-Pulizija Vs Matthew Balzan'** fejn gie kkunsidrat li: 'L-appellant argumenta ukoll illi llum jahdem ta' mekkanik ghal rasu u jekk tittiehed il-licenzja se taffetwa hazin ix-xoghol tieghu. Din il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ma jistax jintuza f'dawn ic-cirkostanzi meta s-sospenzjoni tal-licenzja hija wahda tassattiva. Filfatt fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Azzopardi deciza fl-4 ta' Awwissu, 2006 intqal " Il-fatt illi d-driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu .... ma jintitulax lil din il-Qorti illi tmur kontra l-Ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellha taghmel hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi mmunita mill-kastig meta jinqabad isuq hazin."'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. S. Micallef) Vs Paul Azzopardi'** gie kkunsidrat: 'Illi skond l-artikolu 15H (1) (a) tal-Kap.65, min jinstab hati tar-reati li rrizultaw fil-konfront tal-appellant ikun soggett ghall-piena tal-multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltin (LM200) jew ghal prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur jew ghall-dik il-multa w prigunerija flimkien. Umbaghad is-subartikoilu (2) jiddisponi li b' zieda mall-piena il-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas- sewqan, fil-kaz tal-ewwel kundanna, ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur. Ghalhekk f' dan il-kaz giet applikata l-inqas multa possibbli skond il-ligi u l-Ewwel Qorti addirittura applikat period ta' sospensjoni inqas minn dak li kellha tapplika bil-ligi. Dwar dan ma sarx appell mill-Avukat Generali pero'. Ghalhekk il-piena zgur hija entro l-parametri legali f' dan l-kaz. Illi umbaghad ghall-precizjoni jigi rilevat li, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors tal-appell, il- fedina penali tal-appellant mhux wahda netta, imma minnha jirrizulta li apparti li kien instab hati ta' korruzzjoni ta' tfajla minorenni, kien ukoll instab hati ta' ksur ta' l-ligijiet tat-traffiku darbtejn. Finalment il-fatt li l-appellant jahdem bhala driver tal- containers ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l- ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunita' mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.'

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud'**: 'Filwaqt illi l-piena hija fakultattiva ghall-Qorti u ghandha parametri fuqxiex tiddeciedi, l-iskwalifika m'ghandhiex peress illi dina hija tassattiva li ma thalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti. L-unici parametri huma dawk dwar jekk il-kundanna kinitx l-ewwel darba jew ghal aktar minn darba, f'liema kaz l- iskwalifika tigi estiza skont il-kaz. F'dan il-kaz il-Qorti iddecidiet illi tmur ghal minimu u imponiet terminu ta' skwalifika ghal tlett (3) xhur.'

65. L-istess ingħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Mifsud**[18]:

[18] Deċiża 2 ta' Ottubru 2014

Minbarra l-ewwel argument, l-appellant ressaq ukoll ilment illi huwa jiddependi hafna mis-sewqan minhabba problemi illi ghandu familjari fis-sens illi qed irabbi wahdu zewgt itfal minuri u li wiehed minnhom ibaghti minn autism akuta u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja ser jaghmel il-hajja tal-appellant ferm difficli anke minhabba li l-aktar li ser ibaghtu minn din il-piena huma t-tfal minuri illi jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant. Din il-Qorti jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Kif già nghad il-Qorti applikat l-iskwalifika fil-minimu taghha dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

66. **Għaldaqstant, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.**

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**